**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 5 SARET NHAR**
**L-ERBGHA 12 TA' NOVEMBRU 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tar-raba' seduta ġew approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

**II KOMMUNIKAZZJONI MIC-CHAIRPERSON**

1. Il-Kumitat gie nfurmat li saret laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar l-istorbju eccessiv li jsir mill-attivitajiet li jigu organizzati l-Madliena Cottage. Giet dikussa wkoll x' tip ta' azzjoni tista' tittiehed f'kaz se li din is-sitwazzjoni terga' tirrepeti ruhha. Hija nfurmat li ghal din il-laqgha kien prezenti wkoll il-Vici Chair person Sur Simon Stilon. L-Avukat tal-Kunsill ghamel kuntatt mas-Supt. Tanti, li din kienet ga nfurmata bil-problema u assigurat li se jiehdu l-mizuri kollha sabiex din is-sitwazzjoni ma tergax tigri. Ic-Chairperson infurmat lill-Avukat li fil-jiem li gejjin se ssir laqgha ma' l-Assistent Kumissarju dwar din l-istess materja.

   Il-Vici Chairperson nforma li diga qed jigi rreklamat festin iehor fis-6 ta' Dicembru 2014. Wara diskuzzjoni gie deciz li jigi nfurmat id-Dipartimet ghal-kummerc b' din l-attivita' u jigi nfurmat wkoll l-Assistant Kumissarju waqt il-laqgha.

2. Ic-Chair person nfurmat li t- tour madwar il-Forti tal-Madliena se jsir nhar is-Sibt 15.11.14. Ghaldaqstant dan se jigi rreklamat fuq il-pagna tal-Facebook u kull min jixtie jibbukja ghandu jcempel lilha jew lil Vici Chairperson. Hija nfurmat li membri mis-St. John Rescue Corp Malta se jkun prezenti waqt din l-attivita'.

3. Hija rreferiet ghax-xoghlijiet ta' tarmak li ghadhom pendent mill-Kuntrattur Silas Ltd. Wara diskuzzjoni gie deciz li jekk ix-xoghlijiet ma jkunux bdew sa 17 ta' Novembru 2014, tintbaghtlu ittra bl-Avukat fejn twissih li jekk ix-xoghlijiet ma jitlestewx sat-28 ta' Novembru 2014, il-garanzija bankarja ta' €12,000 tigi msarrfa.

4. Rigward it-triq li saret one-way min tal-Mekek lejn Ibrag Road, hija nfurmat li attendiet ghal-laqgha li saret mar-residetni tal-madwar kif ukoll ma' ufficjal ta' Transport Malta.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI**

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet dwar Triq l-Inginier fejn hija giet infurmata li ta' spiss qed tkompli ssir pressjoni fuq il-WSC sabiex dawn jibghatu l-Letter of Acceptance lill-kuntrattur ikkoncernat.

2. Hija staqsiet ukoll dwar ix-xoghlijiet l-ohra tat-tarmak li ghadhom pendent, ic-Chairperson infurmat li se titkellem dwar dan aktar tard f' din is-Seduta.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm u sar aġġornament ghall-kontinwazzjoni għal nhar l-Erbgha 19 ta' Novembru 2014 fil-5pm.